MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali – Il-Gudja

## IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 101/8

**L-Erbgħa 22 ta` Novembru 2023**

Il-Kunsill Lokali tal-Gudja ltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 88, Triq Raymond Caruana, il-Gudja fil-ħamsa (5:00pm) ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Dr Marija Sara Vella Gafà – Sindku
Marija Micallef – Vici Sindku
George Fenech – Kunsillier
Stefan Caruana – Kunsillier
Audrey Amri Brincat - Kunsilliera

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Nil

**ASSENTI**

Nil

**UFFIĊJALI PREŻENTI:**

Lara Mascena - Segretarju Eżekuttiv

## AĠENDA

101.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

101.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti;

101.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

101.4 Attivita' Tal-Milied 2023;

101.5 Ħatra ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv;

101.6 Rapporti;

101.7 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

101.8 Temi oħra tal-Kunsill Lokali;

a. Ġnien Raymond Caruana – progress

b. Miz 4.4: Ħitan tas-Sejjieħ – progress

c. Miz 4.3: Toroq Rurali – progress Tender GLC01/2023: The Major Rehabilitation of Rural Passageways in Tal-Gholjiet and Sqaq il-Logga in Gudja

d. Proġett tal-Pjazza – progress

e. Proġett tal-Ġnien ta` fejn il-Palazz – progress

101.9 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;

101.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

---

# Minuti

## Tmexxija u ftuħ tal-laqgħa

Is-Sindku Marija Sara Vella Gafa ppresidiet il-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fil-ħamsa u għoxrin ta` filgħaxija (5:20pm) wara talba qasira minn dawk kollha preżenti.

### 101.1 Qari tal-ittri ta' apoloġilji

Is-Sindku nfurmat lil dawk preżenti li kienx hemm ittri ta` apoloġija.

### 101.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

Dawn il-minuti ġew iċċirkulati qabel il-laqgħa tal-Kunsill u ġew meħuda bħala moqrija.

Il-Kunsill b'vot unanimu  approva l-minuti nru 99/08 nem con

**101.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;**

101.3.1 Is-Sindku nfurmat lil dawk preżenti dwar il-laqgħa li saret ma' DG tal-Edukazzjoni u uffiċjali oħra mill-Ministeru dwar l-użu tal-bitħa tal-iskola sabiex din tintuża bħala parkeġġ għar-residenti matul il-weekend. Minn naħa tad-Dipartiment ġejna nfurmati li qed jittieħdu diversi konsiderazzjonijiet dwar is-sigurta' u l-aċċess.

101.3.2 Is-Sindku għamlet referenza għall-attivita' li saret tal-iskola, fejn il-Kunsill sponsorja l-healthy snacks u provda servizz tal-uffiċjali tal-LESA.

101.3.3 Is-Sindku għamlet referenza għall-attivita' li saret mir-Reġjun Nofsinhar fil-Gudja dwar il-gwerra. Is-Sindku żiedet tgħid li l-attivita' kienet suċċess. Is-Sindku għamlet ukoll referenza għal messaġġ li nkiteb fuq il-mezzi soċjali mill-grupp Skali Gudja, fejn kien kliem mhux xieraq fil-konfront tal-Kunsill u li l-Kunsill qatt ma naqqas lejn dan il-grupp. Il-Kunsillier G Fenech qal li la l-Kunsill ġie mgħajjar b'dan il-mod ġew anke mgħajjra l-kunsilliera u li din mhux aċċettabbli. Is-Sindku talbet sabiex il-Kunsill joħroġ komunikat dwar kif inhuma l fatti. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk preżenti.

101.3.4 Is-Sindku għamlet referenza dwar xi talbiet biex isir bollard fi Sqaq il-Fidwa u fi saqaq fi Triq Santa Katerina. Is-Sindku preżentat il-kwotazzjonijiet u l-Kunsill qabel li jagħżel l-irħas kwotazzjoni.

101.3.5 Is-Sindku għamlet referenza għal diversi ilmenti li kien hemm dwar il-magna tal-BCRS. Is-Sindku żiedet tgħid li matul il-lejl il-magna qed tintefa'. Il-Kunsillier S Caruana qal li residenti xorta qed jgergru għal inkonvenjent li qed jinħoloq ħabba dawn il-magni. Il-Kunsillier S Caruana propona li magni jiġu nstallati fi Triq Bir Miftuħ fejn jarma tal-fjuri. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk preżenti.

101.3.5 Is-Sindku nfurmat lil dawk preżenti li mill-1 ta' Jannar 2023 ser tibda topera s-sistema tal-Community Policing fil-lokalita' tal-Gudja. Ġie diskuss li l-Kunsill jista' jkellem lil dawn l-uffiċjali

bil-postijiet l-iktar postijiet li hemm bżonn ta' solverjarnza fosthom fil-Ġnien R.Caruana u Triq Santa Marija.

101.3.6 Is-Sindku għamlet referenza għas-sitwazzjoni tal-binja tal-Kunsill, fejn nfurmat lil dawk preżenti dwar il-laqgħa li saret mall-puliżija ħabba l-kawża li hemm fuq il-binja tal-Kunsill. Is-Sindku żiedet tgħid li l-puliżija m'għandhomx l-intenżjoni li jżommu l-binja u għalhekk ifisser li l-Kunsill ma jkollux post fejn jopera. Is-Sindku żiedet tgħid li l-kawża mistennieja tinstema' f'Jannar. Is-Sindku kompliet billi qalet li ntalbet laqgħa mad-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali sabiex tiġi diskussa din il-materja.

18.37hr Il-Kunsillier S Caruana talab sabiex jiġi skużat mill-laqgħa.

101.3.7 Preżentata korrispondenza li ntbgħatet dwar permess għal tower crane fi Triq Bir Miftuħ ma' Triq Vincenzo Dimech. Il-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni biex jingħata l-permess. Il-Kunsillier G Fenech staqsa għal kemm żmien ser idum.

101.3.8 Is-Sindku preżentat il-performance bonuses tal-ħaddiema tal-CWES għas-sena 2023. Dawn ir-rapporti ġew mħejhieha mis-Segretarju Eżekuttiv u ġew approvati minn dawk preżenti.

101.3.9 Is-Sindku għamlet referenza għall-permess li ngħata sabiex isir kamra tan-nar ġewwa Ħal-Għaxaq, limiti tal-Gudja. Is-Sindku proponiet li l-Kunsill jingħaqad mall-Kunsill ta' Ħal-Għaxaq biex isir l-appell konġut. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk preżenti.

101.3.10 Is-Sindku għamlet referenza għal xi ilmenti li kien hemm dwar xi siġar li għandhom bżonn jinżabru fil-Ġnien Ġlormu Cassar. Is-Sindku żiedet tgħid li l-Kunsill diġa nforma lill-ERA dwar dan iż-żbir u l-Kunsill ġie gwidat biex isir light pruning ta' dawn is-siġar. Is-Sindku preżentat il-kwotazzjoni għal dawn ix-xogħlijiet u ġiet approvata minn dawk preżenti.

101.3.11 Is-Sindku preżentat korrispondenza li ntbgħatet mingħand TM dwar talba biex isir reserved parking fi Triq William Baker peress li f' dik l-akwata m`hemmx parkeġġ għal persuni bil-blue badge. Wara diskussjoni, l-Kunsill approva din it-talba.

101.3.12 Is-Sindku għamlet referenza għall-arblu li ser isir mis-Soċjeta Filarmonika La Stella fejn wara diskussjoni l-membri tal-Kunsill qabblu li l-istess Soċjeta tqabbad il-perit tagħha u l-ispiża ta' central strip titħallas mill-Kunsill u min-naħa tas-Soċjeta titħallas l-ispiża biex isir toqba tal-arblu. L-ispiża tal-Kunsill għandha tintbgħat lill-Kunsill qabel ma jsiru x-xogħlijiet għall-approvazzjoni.

**101.4 Attività tal-Milied 2023;**

Is-Sindku nfurmat lil dawk preżenti dwar l-attivita' tal-Milied li kollox kien qed jingħaqad flimkien biex jiġu organizzati l-attivitajiet kollha matul il-jumejn.

**101.5 Ħatra ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv;**

Is-Sindku proponiet sabiex is-Sinjura Antoinette Azzopardi li fil-preżent tokkupa l-kariga ta' Assistent Prinċipal mall-Kunsill Lokali tal-Gudja tkun id-Deputat Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali Gudja. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk preżenti.

**101.6 Rapporti;**

Ġie preżentat il-Financial Quarterly Report minn Jannar sa' Settembru 2023. Il-Kunsill approva r-rapport unanimament.

**101.7 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri;**

101.7.1 Il-Kunsillier G Fenech talab sabiex il-Kunsill japplika għal sleeping policeman fi Triq il-Kappella u fi Triq Ħal-Safi peress li ċertu vetturi qed jgħaddu b`ċertu veloċita.

101.7.2 Il-Kunsilliera A Amri Brincat għamlet referenza għall-parkeġġ li tneħħa fi Triq il-Lewż, fejn ġiet infurmata li kien hemm talba minn resident li kellu problema biex joħroġ u jidħol fil-garaxx. L-istess resident intalab sabiex japplika ma' TM għal double yellow line skont il-linji gwida ta' TM.

101.7.3 Il-Kunsilliera A Amri Brincat staqsiet meta huwa maħsub li ssir viżita oħra fil-Palazz ta` Bettina. Is-Sindku proponiet li jsir ftehim mall-Baruni fejn il-Kunsill jgħin biex isir ix-xogħol meħtieġ fit-

taraġ ta' torri u bi skambju jsiru xi viżiti fil-Palazz. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk preżenti.

**101.8 Temi oħra tal-Kunsill Lokali;**

**a. Triq iż-Żebbuġa – progress**
**b. Ġnien Raymond Caruana – progress**
**c. Miz 4.4: Ħitan tas-Sejjieħ – progress**
**d. Miz 4.3: Toroq Rurali – progress**
**Tender GLC01/2023: The Major Rehabilitation of Rural Passageways in Tal-Gholjiet and Sqaq il-Logga in Gudja**
**e. Proġett tal-Pjazza – progress**
**f. Proġett tal-Ġnien ta` fejn il-Palazz – progress**

**101.9 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;**

Il-pagamenti nru 55/8 kif ippreżentata ġiet ipproponuta mill-kunsilliera A Amri Brincat u sekondata mill-Kunsillier G Fenech għall-ammont totali ta' €23,104,88 u ġiet approvata nem con. Il-Kunsillier G Fenech staqsa dwar żewġ pagamenti relatati mall-overtime tal-ħaddiema tal-CWES.

**101.10 Tmiem tal-Laqgha**

Il-Laqgħa ntemmet fit-tmienja neqsin għaxra ta' filgħaxija (7:50pm). Is-Sindku aġġornat il-laqgħa għal nhar il-Ħamis 14 ta' Diċembru 2023 fuq aġenda li tiġi ċċirkulata għand il-Kunsilliera kollha qabel il-laqgħa.

Konfermati, illum il-Ħamis 14 ta' Diċembru 2023

ffirmati
Dr. Marija Sara Vella Gafà
Sindku

ffirmati
Lara Mascena
Segretarju Eżekuttiv